**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 28 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs.**

**Abdi Rizaq Mohammed Saleman**

**IL-QORTI**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Abdi Rizaq Mohammed Saleman** ta' 21 sena, iben Mohammed u Ebade, imwieled Mogadishu Banaadir, Somalia nhar l-1 ta' Jannar 2002, residenti gewwa Hal Far Tent Village, Qasam Industrijali, Hal Far, Birzebbugia u detentur ta' numru tal-Pulizija 20K-010 u/jew numru tar-Refcom 32074, akkuzat talli:

***Nhar is-27 ta' Jannar 2023, għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00hrs), ġewwa Triq San Luqa, Pieta', u/jew fil-vicinanzi:-***

***1. Ikkometta serq ta' mobile phone u/jew oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Migelyn Butaya Bisnar, liema serq huwa aggravat bil-valur u li sar għad-dannu ta' l-istess Migelyn Butaya Bisnar u/jew ta' xi persuna/i oħra.***

***Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.***

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-istqarrija tal-imputat (Dok SKZ 3), fedina penali tal-imputat (Dok SKZ 4) u *current incident report* (Dok SKZ 5) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u jikkonsulta ruhu mill-gdid mal-avukat tieghu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok SKZ 1)

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu fejn filwaqt li l-Prosekuzzjoni insistiet li l-Qorti ghandha tmur ghal piena karcerarja effettiva lejn il-massimu minhabba c-cirkostanzi tal-kaz inkluz il-biza li persuna tkun miexja fit-triq u jittehdilha l-mobile, id-difiza sostniet li l-piena ghandha tkun lejn il-minimu billi l-aggravju addebitat huwa wiehed biss ossia tal-'valur' u billi ma ngabitx prova tal-valur ghandu jittiehed l-anqas valur u kif ukoll ma ngabitx prova tal-'biza' lamentata mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll minhabba li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u ammetta fi stadju hekk bikri.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati skond il-Ligi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-akkuzi *de quo*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat u c-cirkostanzi ta' kif sehh, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali tal-imputat u kif ukoll il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-akkuzat kellu jigi insegwit minn terz biex gie arrestat u kif ukoll il-fatt li ghalkemm l-akkuzat qal li ghamel li ghamel b'cajta meta mistoqsi x'kien se jaghmel bil-mobile huwa wiegeb li kien se jbieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Abdi Rizaq Mohammed Saleman** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tlettax (13) il-xahar prigunerija effettiva.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**28 ta' Jannar 2023**